



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10127/24

COMPET 573
IND 272
MI 519

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' Mejju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9893/24	
Suġġett:	Industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna - <i>konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fl-24 ta' Mejju 2024)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna" approvati mill-Kunsill (Kompetittività) fl-4026 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Mejju 2024.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR

"Industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022¹ li jappellaw biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Versailles dwar il-bini ta' bażi ekonomika aktar miftuħa u robusta;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023² li jappellaw biex il-ħidma titmexxa 'l quddiem fuq disa' linji ta' ħidma biex tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul tal-Unjoni;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023³ dwar il-kompetittività tal-UE, li jenfasizzaw li l-UE teħtieġ bażi ekonomika b'saħħitha li tiżgura l-kompetittività fit-tul tagħha u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kemm internament kif ukoll fil-livell dinji;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fil-laqgħa straordinarja tiegħu tas-17 u t-18 ta' April 2024⁴ li jappellaw għal patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea;

¹ EUCO 1/22
² EUCO 4/23
³ EUCO 14/23
⁴ EUCO 12/24

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valorizzazzjoni tal-għarfien⁵, dwar il-futur tal-Politika Diġitali tal-UE⁶, dwar il-futur tas-Suq Uniku⁷, u dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-akkwist pubbliku fl-UE⁸;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-komunikazzjonijiet, ir-rapporti u d-dokumenti ta' akkumpanjament tal-Kummissjoni dwar:

- "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa"⁹ u l-aġġornament tagħha¹⁰; "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali"¹¹; "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti"¹²; "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika"¹³; "Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs"¹⁴; "Djalogi dwar it-Tranżizzjoni Nadifa - nieħdu kont - Industrija Ewropea b'saħħitha għal Ewropa sostenibbli"¹⁵;
- "It-30 Sena mis-Suq Uniku"¹⁶; "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"¹⁷; "Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2024"¹⁸;
- "Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni għall-2023"¹⁹;

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "It-Tisħiħ tal-valorizzazzjoni tal-għarfien bħala għodda għal industrija reżiljenti u kompetittiva u għal awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa fl-Ewropa", dok. 10182/24

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Futur tal-Politika Diġitali tal-UE", dok. 9957/24

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Suq Uniku għall-benefiċċju ta' kulħadd", dok. 10298/24

⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 28/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-akkwist Pubbliku fl-UE: Inqas Kompetizzjoni għal Kuntratti Aġġudikati għal Xogħlijiet, Oġġetti u Servizzi fl-10 Snin li jippreċedu l-2021", dok. 9966/24

⁹ COM(2020) 102 final

¹⁰ COM(2021) 350 final

¹¹ COM(2020) 103 final

¹² COM(2023) 62 final

¹³ JOIN(2023) 20 final

¹⁴ COM(2023) 535 final

¹⁵ COM(2024) 163 final

¹⁶ COM(2023) 162 final

¹⁷ COM(2023) 168 final

¹⁸ COM(2024) 77 final

¹⁹ COM(2024) 115 final

- "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"²⁰; "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva"²¹; "Rapport tal-2023 dwar il-Progress tal-Azzjoni Klimatika fl-UE"²²; "Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta"²³; "Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi - niproteġu l-poplu u l-prosperità"²⁴;
- "Il-Kumpass Diġitali tal-2030"²⁵ segwit mill-"Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali"²⁶;
- "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza"²⁷;
- "Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"²⁸;
- "Strateġija tal-UE dwar l-Istandardizzazzjoni - L-istabbiliment ta' standards globali b'appoġġ għal suq uniku tal-UE reżiljenti, ekoloġiku u diġitali"²⁹;

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fl-Att dwar iċ-Ċipep³⁰, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika³¹ u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti³²;
- fil-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa³³,

²⁰ COM(2019) 640 final

²¹ COM(2020) 98 final

²² COM(2023) 653 final

²³ COM(2024) 63 final

²⁴ COM(2024) 91 final

²⁵ COM(2021) 118 final

²⁶ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481

²⁷ COM(2020) 274 final

²⁸ COM(2021) 66 final

²⁹ COM(2022) 31 final

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2023/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694

³¹ Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020

³² PE-CONS 45/24

³³ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241

I. L-Unjoni Ewropea tħaddan industrija b'saħħitha u kompetittiva

1. **JAGĦRAF** li l-bidliet teknoloġiċi, ekonomiċi u ġeopolitiċi sinifikanti li seħħew matul dawn l-aħħar snin, kif ukoll l-isfidi ambjentali u tas-soċjetà, mhux biss jiddefinixxu mill-ġdid il-bilanċi dinjija tal-poter, iżda jħallu wkoll impatt fuq il-kompetittività tal-industriji Ewropej kollha; **JENFASIZZA** li l-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tar-riskji tal-katina tal-provvista u l-indirizzar tad-dipendenzi strateġiċi huma vitali biex l-UE timxi 'l quddiem fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali proprja tagħha; **JISSOTTOLINJA** li l-iżviluppi tal-politika f'pajjiżi terzi, li xi drabi kienu kkaratterizzati minn kompetizzjoni inġusta u minn protezzjoniżmu, qed jaffettwaw l-ekonomija Ewropea, inkluż billi jfixxlu l-kummerċ u billi potenzjalment jinkoraġġixxu deċiżjonijiet ta' delokalizzazzjoni u diżinvestiment, u għalhekk jitolbu rispons politiku Ewropew koordinat;
2. **JISĦAQ** fuq il-fatt li Ewropa prospera teħtieġ industrija kompetittiva b'bażi tal-manifattura b'saħħitha, li hija l-mutur għall-innovazzjoni, il-produttività, l-impjiegi ta' kwalità, is-sostenibbiltà u t-tkabbir; **JISSOTTOLINJA** li Suq Uniku li jiffunzjona għalkollox, inkluż fis-settur tas-servizzi, huwa kruċjali biex titrawwem u tinżamm Unjoni kompetittiva fit-tul bħala "Ewropa: post ta' negozju";
3. **JENFASIZZA** li ż-żieda fil-kompetizzjoni u l-kriżijiet globali bħall-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u t-tensjoni fil-Baħar l-Aħmar tefgħu pressjoni fuq in-negozji Ewropej u l-ktajjen tal-provvista tagħhom; **JIRRIKONNOXXI** l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi fit-tul tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq il-kompetittività tal-UE; **JISSOTTOLINJA** li fl-istess ħin l-oġettivi ambizzjużi lejn in-newtralità klimatika u r-rwol ta' tmexxija fil-qasam diġitali, flimkien ma' miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima, żvilupp, produzzjoni u installazzjoni aċċellerati ta' teknoloġiji nodfa u t-trasformazzjoni industrijali konsegwenti, joffru opportunitajiet għal aktar żvilupp tar-rwol ta' tmexxija tal-Ewropa fl-industrija u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità;

4. **JAGĦRAF** li t-teknoloġiji diġitali u l-iżviluppi fl-innovazzjoni qed ikollhom rwol kruċjali fis-soċjetà u l-industrija Ewropea; f'dan ir-rigward, **JISĦAQ** fuq l-importanza dejjem akbar taċ-ċibersigurtà u **JIEĦU NOTA** tal-iżvilupp u l-installazzjoni rapidi ta' soluzzjonijiet ġenerattivi tal-intelliġenza artifiċjali kif ukoll tal-potenzjal emerġenti tat-teknoloġiji kwantistiċi; **JISSOTTOLINJA** li infrastruttura sigura taħt il-baħar, terrestri u mhux terrestri (inkluż l-ispazju) għall-konnettività diġitali u kapaċità u reżiljenza akbar tal-infrastrutturi ċentrali diġitali huma tal-akbar importanza biex l-Ewropa ssir u tibqa' diġitalment reżiljenti u kompetittiva; **JIEĦU NOTA** tal-White Paper tal-Kummissjoni dwar kif nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa; **JISSOTTOLINJA** l-importanza tal-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi diġitali, teknoloġiji diġitali u mudelli ta' negozju ġodda f'ambjent fdat; għalhekk **JAPPELLA** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jstimulaw aktar l-iżvilupp u l-installazzjoni tagħhom mill-industrija u l-ekosistemi tagħha u jwettqu l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali; **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tiżgura implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-inizjattivi eżistenti fil-qasam tad-data, inkluż billi tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi;
5. **JISĦAQ** fuq l-importanza tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-implimentazzjoni koerenti tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-opportunitajiet u l-isfidi għall-kumpaniji u ċ-ċittadini; **JAPPELLA** lis-settur privat biex jissieħeb mal-awtoritajiet pubbliċi biex isaħħaħ l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u t-trasport sostenibbli; **JISĦAQ** fuq il-ħtieġa li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għad-domanda għal prodotti u materjali sostenibbli, b'emissjonijiet zero netti, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ċirkolari, li jiġi żviluppat suq uniku għall-iskart, il-materja prima sekondarja u l-prodotti riċiklati, li jiġu promossi materjali avvanzati u ċ-ċirkolarità, u li jsir sforz għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-kumpaniji li jsegwu ambizzjonijiet ambjentali u soċjali għolja; **IFAKKAR** fir-rwol ewlieni tal-ekonomija ċirkolari, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u r-riċerka dwar is-sostituzzjoni tal-materja prima biex titnaqqas id-domanda u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE fir-rigward tal-materja prima primarja, il-materja prima sostenibbli, l-ilma u riżorsi kritiċi oħra; **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tiffinalizza l-aġġornament tal-istrateġija dwar il-bijoeconomija sa tmiem l-2025, tiżgura li l-bijoeconomija tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija, tirrikonoxxi l-bijoteknoloġija u l-ekonomija b'bażi bijoloġika orizzontalment bħala parti elementari tal-politika industrijali tal-UE, u tiżgura l-koordinazzjoni sabiex tissaħħaħ il-koerenza tal-politika;

6. **JENFASIZZA** l-potenzjal tal-akkwist pubbliku bħala lieva strateġika biex titrawwem id-domanda għal oġġetti u servizzi li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni u r-reżiljenza, u biex jiġu promossi l-investimenti; **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex twettaq, mingħajr dewmien, analiżi fil-fond tal-qafas leġislattiv eżistenti dwar l-akkwist pubbliku biex tivvaluta jekk hijiex meħtieġa reviżjoni matul il-mandat 2024-2029, kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 28/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
7. **JIEĦU NOTA** tal-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni dwar materjali avvanzati għat-tmexxija industrijali³⁴, l-industrija tad-difiża³⁵, u l-bijoteknoloġiji u l-bijomanifattura³⁶; **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tiżviluppa strateġija ġdida li tappoġġa l-industrija marittima Ewropea, li hija vitali għall-interessi strateġiċi tal-UE, fit-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika u li tinkludi d-dimensjonijiet kollha tal-kompetittività tas-settur; **JISSOTTOLINJA** li, minbarra l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni, għandha tingħata prijorità lill-ilħuq tal-eċċellenza fil-punti b'saħħithom uniċi tagħna u nassumu rwol ta' tmexxija f'oqsma teknoloġiċi fejn jeħtieġ li l-Ewropa tiżgura pożizzjoni ewlenija u li huma kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE; **IFAKKAR** fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024 li jiddikjaraw li jeħtieġ ukoll li l-Ewropa tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha f'setturi sensittivi identifikati f'Versailles - l-enerġija, il-materja prima kritika, is-semikondutturi, is-saħħa, it-teknoloġiji diġitali, tal-ikel u dawk kritiċi - u f'setturi oħra bħas-sustanzi kimiċi, il-bijoteknoloġija u l-ispazju; **JISĦAQ** fuq il-fatt li l-pożizzjoni tal-Ewropa f'dawn l-oqsma u s-setturi għandha tissaħħaħ, inkluż billi jiġu żviluppati ktajjen tal-provvista Ewropej sostenibbli, tiżdied il-kapaċità Ewropea fil-produzzjoni u fir-riċerka u l-innovazzjoni u jiġu diversifikati l-provvisti minn pajjiżi terzi, filwaqt li jiġu żgurati effetti kollaterali pożittivi madwar l-Istati Membri;

³⁴ COM(2024) 98 final
³⁵ JOIN(2024) 10 final
³⁶ COM(2024) 137 final

8. **JAGĦRAF** l-importanza ta' struttura ta' governanza simplifikata li tiffunzjona tajjeb li tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati fl-ekosistemi industrijali sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-istrateġija industrijali Ewropea b'mod miftuħ, trasparenti, varjat u inklużiv u tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika; **IFAKKAR** fir-rwol ċentrali tal-Forum Industrijali fil-kontribut għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika industrijali tal-UE flimkien mal-industrija, l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u l-Kummissjoni; **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tiegħu inizjattivi xierqa, inkluż valutazzjoni bir-reqqa tax-xenarju ta' governanza eżistenti, bil-ħsieb li jiġu ssimplifikati l-istrutturi, jitnaqqas il-piż bla bżonn fuq il-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri, u tiġi evitata d-duplikazzjoni;
9. **JENFASIZZA** r-rwol mogħti mill-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023 lill-Kunsill Kompetittività biex kull sena jivvaluta l-progress fit-tisħiħ tal-kompetittività u ż-żieda fil-produttività, b'enfasi partikolari fuq l-approfondiment u t-tisħiħ tas-Suq Uniku; **JIEĦU** **NOTA** tar-Rapport Annwali tal-2024 dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività, li jipprovdi l-bażi għaċ-ċiklu annwali tad-diskussjonijiet tal-Kunsill dwar l-istat tal-kompetittività u kontribut għas-Semestru Ewropew; **JENFASIZZA** l-ħtieġa ta' azzjoni fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jintlaħqu l-miri stabbiliti għall-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) dwar il-kompetittività fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kompetittività fit-Tul; **JENFASIZZA** l-possibbiltà li l-Kummissjoni tirrevedi, fejn meħtieġ, il-KPIs eżistenti u tikkunsidra, fejn xieraq, indikaturi addizzjonali, pereżempju dwar il-politika industrijali jew l-għajnuna mill-Istat; **IQIS** li ċ-ċiklu ta' politika l-ġdid joffri l-opportunità li jissaħħaħ il-mandat tal-Kunsill Kompetittività biex jiġu żgurati implimentazzjoni u monitoraġġ koordinati ta' aġenda ambizzjuża għall-politika industrijali, appoġġata mill-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir;

II. L-innovazzjoni, l-ixprun tal-kompetittività Ewropea

10. **JAGĦRAF** ir-rwol kruċjali tal-innovazzjoni industrijali ewlenija fid-dinja, ir-riċerka eċċellenti, inkluż ir-riċerka fundamentali, u l-iżvilupp tat-teknoloġija biex jissaħħu l-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Ewropa billi tinkiseb żona Ewropea tar-riċerka u jiġu xprunati l-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà Ewropej u biex jinkisbu l-ambizzjonijiet tal-politika tal-Unjoni; **IĦEĠĠEĠ** il-kooperazzjoni bejn l-industrija (inkluż l-SMEs), l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-aġenziji ta' finanzjament u l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u titħaffef l-adozzjoni mis-suq, kif ukoll l-espansjoni industrijali u kummerċjali tal-innovazzjoni;
11. **JISĦAQ** fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata rabta aħjar bejn l-innovazzjoni u l-inizjattivi industrijali, abbażi tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni; **JENFASIZZA**, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġi definit għadd limitat ta' prioritajiet strateġiċi u li jiġi żgurat li dawn ikunu element komuni fil-politiki industrijali u dwar l-innovazzjoni kollha; **JAPPELLA LILL-Kummissjoni** biex tinvolvi lill-Istati Membri kollha u lil firxa wiesgħa ta' atturi rilevanti feżerċizzju konġunt biex jiġu identifikati prioritajiet strateġiċi; **JISSOTTOLINJA** l-importanza li jintużaw il-mekkaniżmi u s-šhubijiet eżistenti, bħall-alleanzi industrijali, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET, il-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija, l-Impriżi Konġunti u šhubijiet oħra ta' Orizzont Ewropa;
12. **JIDDISPJAĊIH** li l-bażi ta' għarfien b'saħħha tal-UE ma ssarrafx biżżejjed fi prodotti jew servizzi kummerċjabbli, fatt magħruf ukoll bħala l-"paradoss tal-innovazzjoni", li jwassal għal potenzjal sostanzjali mhux sfruttat fil-ktajjen tal-valur industrijali madwar l-Unjoni; **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kif ukoll lis-settur finanzjarju biex ikomplu jrawmu l-valorizzazzjoni sabiex l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp jagħtu l-frott u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea, speċjalment l-SMEs;

13. **JIRRIKONOXI** r-rwol importanti li l-UE tista' taqdi biex tneħħi d-distakk li ma jħallix lir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni jilħqu s-suq fi stadju bikri; **JISSOTTOLINJA** l-ħtieġa għal iżjed sinerġiji bejn l-istrumenti eżistenti ta' finanzjament u għall-ottimizzazzjoni tagħhom fil-livelli kollha, sabiex jappoġġaw lill-iskoperti jissarrfu fi prodotti innovattivi fis-suq u jippermettu d-diffużjoni u l-varar ta' innovazzjonijiet u teknoloġiji; f'dan ir-rigward, **JIRREFERI** għall-azzjoni politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka "L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika/diġitali tal-ekosistemi industrijali ewlenija tal-Ewropa"; **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tkompli tikkomunika informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar id-diversi possibbiltajiet ta' finanzjament appoġġati mill-UE kemm minn atturi privati kif ukoll atturi pubbliċi; **JINKORAĠĠIXXI** lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb u tissimplifika l-proċeduri ta' applikazzjoni għall-possibbiltajiet ta' finanzjament tal-UE;
14. **JENFASIZZA** l-ħtieġa li l-kumpaniji, speċjalment l-SMEs u n-negozji ġodda, ikunu jistgħu jittestjaw u juru innovazzjonijiet f'ambjenti rilevanti tad-dinja reali u, fejn xieraq, f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, sabiex jittrasferixxu l-innovazzjoni lejn is-suq; f'dan ir-rigward, **JISĦAQ FUQ** ir-rwol importanti tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija f'dak il-proċess; **IFAKKAR** fit-talba għall-immappjar tal-UE tal-ħtiġijiet tal-utenti għal infrastrutturi tat-teknoloġija sa nofs l-2025, u l-ħidma li saret fl-ambitu tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI); **JAPPELLA GĦAL** strateġija Ewropea biex trawwem il-kooperazzjoni u l-kuntatti mal-UE kollha fost infrastrutturi bħal dawn u li tipprevedi aċċess b'mod trasparenti u b'kundizzjonijiet mhux eżiġenti u bi prezz ġust għall-kumpaniji industrijali, b'mod partikolari l-SMEs; **JISSOTTOLINJA** l-importanza tal-bini ta' network pan Ewropew bħal dan fuq il-prinċipju ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti; f'dan il-kuntest **JENFASIZZA** l-potenzjal offrut mir-raggruppamenti, in-Network Enterprise Europe (EEN), l-Istrumenti għall-Investment Interreġionali fl-Innovazzjoni (I3) u ċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali (EDIH) fl-appoġġ għall-SMEs Ewropej fit-trasformazzjoni ekoloġika u dik diġitali tagħhom;

III. Il-finanzi: element kostituttiv essenzjali ta' qafas ta' politika industrijali Ewropea komprensiv, orjentat lejn il-futur u proattiv

15. **IFAKKAR** li l-aċċess għall-finanzi, inkluż il-finanzjament imħallat, huwa prekondizzjoni għaż-żamma tal-investment u tal-impjiegi fl-Ewropa; **JAGĦRAF** li l-finanzjament privat jaqdi rwol kruċjali fil-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni tat-tisħiħ tal-kompetittività globali u r-reżiljenza tal-Unjoni, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' teknoloġiji strateġiċi u l-applikazzjoni tagħhom fuq skala akbar; **JIRRIKONOXXI** r-rwol ewlieni tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment u tal-banek promozzjonali nazzjonali fl-ingranaġġ u t-tneħħija tar-riskji għall-investment privat; **JISSOTTOLINJA** li l-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) huwa essenzjali biex jiġi attirat l-investment privat, biex jiġu ddiversifikati s-sorsi ta' finanzjament u biex il-kapital jiġi allokat b'mod effiċjenti mal-Unjoni kollha; **JIRRIMARKA** li n-negozji Ewropej, speċjalment in-negozji ġodda, in-negozji li qed jespandu u l-SMEs, għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' firxa ta' ostakli biex jiksbu l-finanzjament fuq żmien twil u ta' riskju; għalhekk, **IĦEĠĠEĠ** l-intensifikazzjoni fl-isforzi, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, għall-ħolqien ta' swieq kapitali Ewropej verament integrati, fost l-oħrajn fuq il-pedamenti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali, u għall-implimentazzjoni rapida tal-miżuri kollha deskritti fl-istqarrija tal-11 ta' Marzu 2024 tal-Grupp tal-Euro f'format inklużiv dwar il-futur tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali;
16. **ITENNI** li politika tal-kompetizzjoni ġusta u effettiva, li tħares il-kompetizzjoni fis-swieq, tat-xhieda ta' kemm hija kruċjali għall-prosperità ekonomika fl-Unjoni billi żammet u tejbet l-integrità u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku; **JISSOTTOLINJA** l-importanza li tinżamm din ir-rotta; **JENFASIZZA** li tellieqa għas-sussidji bejn l-Istati Membri tkun ta' ħsara għall-Unjoni kollha kemm hi u għalhekk għandha tiġi evitata;
17. **JISSOTTOLINJA** li l-qafas Ewropew dwar l-ġajjnuna mill-Istat għandu jiġi applikat b'mod konsistenti u ssorveljat kif xieraq mill-Kummissjoni, sabiex jiġiharsu l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' frammentazzjoni; **JINKORAĠĠIXXI** lill-Kummissjoni biex tissimplifika u taċċellera l-proċeduri ta' notifika dwar l-ġajjnuna mill-Istat;

18. **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha ta' evalwazzjoni u titjib tal-istrumenti dwar l-għajnuna mill-Istat bħar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija biex tindirizza l-fallimenti fis-suq, l-isfidi ġodda u r-realtajiet tas-swieq u tal-innovazzjoni biex tipprovdi qafas immirat tal-ogħla kwalità u ċarezza u prevedibbiltà fit-tul fis-suq, f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE waqt li jinżammu l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;
19. **IQIS** il-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) bħala strument siewi għall-politika industrijali Ewropea li jippermetti lill-Istati Membri jintervjenu f'każijiet ta' falliment importanti tas-suq u jrawmu proġetti innovattivi lil hinn mill-kapaċitajiet individwali; **JISĦAQ** fuq il-ħtieġa ta' ottimizzazzjoni bla heda tal-qafas tal-IPCEI sabiex il-proċess kollu jiġi ssimplifikat u aċċellerat aktar u jkun eħfef għall-kumpaniji ta' kull daqs, speċjalment l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, li jieħdu sehem fl-IPCEIs; **JAPPELLA** għal aktar simplifikazzjoni tas-sistema ta' governanza tal-IPCEIs, għal involviment aktar kmieni tal-Kummissjoni fil-fażi ta' tħejjija u l-parteċipazzjoni inklużiva tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati, fosthom l-SMEs; f'dak il-kuntest, **JILQA'** t-tneġġja tal-Forum Ewropew Konġunt għall-IPCEI sabiex ikompli jindirizza l-isfidi marbuta mal-IPCEIs u jirrealizza l-potenzjal sħiħ tal-istrument fost l-oħrajn bl-esplorazzjoni ta' kandidati IPCEI ġodda f'oqsma strateġiċi;

20. **JINNOTA** li t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali ser jeħtieġu investiment sinifikanti u li s-sorsi kollha disponibbli ta' finanzjament ser ikollhom rwol x'jaqdu; **JISSOTTOLINJA** l-importanza li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku u li dan jiġi promoss globalment; **JENFASIZZA** li l-investimenti f'setturi u f'infrastrutturi strateġiċi ewlenin jeħtieġu taħlita ta' finanzjament kemm pubbliku kif ukoll privat li jaħdmu flimkien u li l-baġit tal-UE jibqa' jaqdi rwol importanti, kif iddikjarat mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa straordinarja tiegħu tas-17 u t-18 ta' April 2024; **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw malajr ir-Regolament li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa, li ser trawwem sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament Ewropej; **JISSOTTOLINJA** li l-Politika ta' Koeżjoni taqdi rwol ewleni biex tnaqqas id-disparitajiet, tistimula t-tkabbir sostenibbli fit-tul u tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex, mingħajr ma tippreġudika l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, tevalwa u, jekk meħtieġ, ittejjeb il-mekkaniżmi ta' finanzjament Ewropej eżistenti, tesplora metodi strutturali għal żieda fl-investiment f'teknoloġiji strateġiċi u għall-espansjoni tal-kapaċitajiet industrijali, u mbagħad tivvaluta jekk l-għodod ta' finanzjament għall-industrija humiex effettivi biex il-miri komuni tal-Unjoni jintlaħqu f'waqthom; **IFAKKAR** fir-rwol li l-programm InvestEU jaqdi f'dan il-kuntest;

IV. Il-kundizzjonijiet ta' qafas it-tajba biex tiġi żgurata industrija Ewropea kompetittiva

21. **JENFASIZZA** l-importanza ta' ambjent vantaġġuż fejn in-negozji, speċjalment l-SMEs, ikunu jistgħu jiffjorixxu, jistagħnew u jespandu, u li jwassal għall-intraprenditorija, jattira l-investiment, irawwem l-innovazzjoni u jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni u l-14-il ekosistema industrijali tagħha bħall-Industrija Intensivi fl-Enerġija u Mobbiltà, Trasport, Settur Awtomobilistiku;
22. **JENFASIZZA** li t-tisħiħ u l-approfondiment ulterjuri tas-Suq Uniku huma prerekwiżit kruċjali sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tibqa' reżiljenti u kompetittiva; **IFAKKAR** li l-infurzar effettiv tar-regoli tas-Suq Uniku huwa essenzjali sabiex jinżammu l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni li n-negozji Ewropej għandhom bżonn u sabiex isir aktar progress fl-integrazzjoni tas-Suq Uniku; **JAPPELLA** lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iqawwu l-isforzi tagħhom u jintensifikaw l-azzjonijiet tagħhom sabiex ineħħu ostakli mhux ġustifikati li jxekklu l-kapaċità tal-kumpaniji tal-UE li jespandu u jsiru aktar kompetittivi fil-livell Ewropew u dak internazzjonali;

23. **JIRRIKONOXXI** li ċ-ċertezza legali u qafas regolatorju aċċessibbli, validu għall-futur, prevedibbli u koerenti huma vitali biex jitrawwem l-investiment u titħares il-kompetittività tagħna, waqt li l-istandards ambjentali u soċjali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandhom jinżammu; f'dan ir-rigward, **JISSOTTOLINJA** l-importanza tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ġoti ta' permessi għal proġetti li jikkontribwixxu għall-għanijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, inkluż iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura; **JISĦAQ FUQ** l-importanza li tiġi segwita l-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar bil-għan li tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Uniku billi r-regoli tal-UE jiġu implimentati tajjeb, id-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni regolatorji jiġu evitati, kif ukoll titnaqqas il-burokrazija fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, b'mod partikolari għall-SMEs, inkluż permezz ta' għodod bħall-Gateway Diġitali Unika; f'dak ir-rigward, **JAPPOĠĠA** l-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piż marbut mar-rekwiżiti ta' rappurtar li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE b'25 % għall-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet, f'konformità mal-istrateġija li tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul tal-UE, u li twettaq verifiki tal-kompetittività fil-valutazzjonijiet tal-impatt għall-proposti leġiżlattivi ġodda, inkluż fuq l-effetti kumulattivi tagħhom; **JINNOTA** l-idea tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-introduzzjoni ta' "Test tal-Istress b'Rabta mal-Innovazzjoni" għal leġiżlazzjoni ġdida tal-UE u **JITLOB** lill-Kummissjoni biex tesplora l-implimentazzjoni possibbli tiegħu permezz tal-għodod attwali għal Regolamentazzjoni Aħjar;
24. **JENFASIZZA** li s-sigurtà, is-sostenibbiltà u l-affordabbiltà tal-provvista tal-enerġija, permezz ta' suq tal-enerġija Ewropew integrat tajjeb u infrastrutturi u grilji transfruntieri, huma ta' importanza vitali għall-industrija u għall-kompetittività tagħha, u li l-politika Ewropea tal-enerġija tikkontribwixxi għas-suq uniku tal-enerġija u għall-ambizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050; **JIRRIKONOXXI** r-rwol tas-suq intern tal-enerġija li jinċentiva l-investiment fis-sistemi tal-enerġija, l-użu effiċjenti tal-enerġija, il-flessibbiltà, u ż-żieda fl-elettrifikazzjoni tal-ekonomija; **JIRRIMARKA** li l-qafas politiku t-tajjeb issa għandu jiġi implimentat bis-sħiħ fis-settur tal-enerġija sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-iżvilupp rapidu tas-suq, sabiex jiġu evitati d-dewmien fl-investimenti strateġiċi u l-ħolqien ta' assi mhux rekuperabbli;

25. **JIRRIMARKA** li s-suċċess tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u fil-kuntest tax-xejriet demografiċi usa', il-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa għandhom ikunu disponibbli b'mod suffiċjenti fil-livelli kollha, waqt li jitrawwem il-bilanċ bejn il-ġeneri f'termini ta' gradwati u professjonijiet fl-oqsma tal-ICT u tal-iSTEM; **JENFASIZZA** li l-azzjoni f'dan il-qasam teħtieġ investiment, djalogo soċjali u tisħiħ fil-kooperazzjoni bejn il-partijiet kollha kkonċernati, fl-oqsma tal-edukazzjoni formali, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol; **JINNOTA** li firxa varjata ta' ħiliet tista' tinkiseb ukoll mit-tagħlim tul il-ħajja fil-forom kollha tiegħu; **JAPPELLA** għal aktar rikonoxximent u validazzjoni tat-tagħlim, il-kompetenzi u l-ħiliet mhux formali; **JISĦAQ FUQ** il-ħtieġa li l-ħiliet u l-kwalifiki jiġu rikonoxxuti fl-UE, b'mod li jippermetti l-interoperabbiltà, anke dawk ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi; **JISTINKA** għall-attrazzjoni, iż-żamma u l-utilizzazzjoni tat-talent fl-Unjoni tagħna, b'attenzjoni speċifika għar-reġjuni li bħalissa jinsabu f'nassa tal-iżvilupp tat-talenti; **JISSOTTOLINJA** li l-informazzjoni u t-tbassir dwar il-ħiliet u huma għodod essenzjali għall-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet futuri tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol;
26. **JENFASIZZA** l-importanza li tiġi segwita politika kummerċjali sostenibbli, miftuħa, robusta u ambizzjuża li tippermetti ftehimiet għall-kummerċ ġust, tiftaħ is-swieq ta' pajjiżi terzi għal kumpaniji tal-UE, tiddefendi l-interessi tal-UE, tippermetti l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista reżiljenti u affidabbli, tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u toħloq opportunitajiet reċiproċi ta' aċċess għas-suq; **JENFASIZZA** li, f'dan il-kuntest, l-UE għandha tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi ta' riskju għoli, tippromwovi standards soċjali u ambjentali, tiffaċilita d-diversifikazzjoni tal-flussi tal-kummerċ, telimina l-ostakli għall-kummerċ u ssaħħaħ il-kompetittività tan-negozji Ewropej, kemm domestikament kif ukoll esternament, b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi bħall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, sħubijiet internazzjonali u l-Global Gateway; **JIRRIMARKA** li l-kompetittività industrijali tal-UE tibbenefika mill-politika kummerċjali billi toħloq benefiċċji reċiproċi għas-setturi industrijali, tiżgura l-aċċess għas-suq għall-oġġetti, is-servizzi u l-akkwist pubbliku, u ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali; **JENFASIZZA** l-ħtieġa li tintuża, fejn ikun xieraq, il-firxa sħiħa ta' għodod politiċi, bħall-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, għall-ħarsien tas-suq tal-UE u tal-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni minn kompetizzjoni u prattiki żleali ta' pajjiżi terzi, speċjalment fis-setturi strateġiċi jew f'dawk soġġetti għal kapacià żejda; **JISSOTTOLINJA** l-ħtieġa li jissaħħu s-sistema kummerċjali multilaterali, miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, bid-WTO fil-qalba tagħha, u r-rwol tagħha li tiġġieled il-prattiki ta' distorsjoni tal-kummerċ mhux tas-suq, bħas-sussidji industrijali dannużi;

27. **JENFASIZZA** r-rwol moqdi mill-istandards tekniċi għall-kompetittività, għall-pożizzjoni fuq quddiem fit-teknoloġija u għas-sigurtà tal-katina ta' provvista tal-ekonomija Ewropea; **JINNOTA** li t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali timplika bżonnijiet għal standardizzazzjoni li jridu jiġu indirizzati b'urġenza; **JENFASIZZA** li l-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-operaturi ekonomiċi, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet li jistabbilixxu l-istandards għandhom isaħħu l-kapaċità tagħhom li jistabbilixxu u jinfluwenzaw l-istandards internazzjonali; **JISĦAQ FUQ** l-importanza tal-appoġġ għal sehem akbar tal-komunità tan-negozju tal-UE fl-iżvilupp tal-istandards fil-livell internazzjonali; **JITLOB** lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex toħroġ it-talbiet ta' standardizzazzjoni fil-ħin, waqt li tinvolvi b'mod miftuħ u koerenti lill-partijiet interessati kollha u tiżgura r-referenza f'waqtha għall-istandards; **IĦEĠĠEĠ** lill-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp tal-istandards biex jipproduċu standards ta' kwalità għolja fil-ħin, u jinvolvu lill-partijiet interessati kollha; **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw approċċ orizzontali biex jinkorporaw l-iżvilupp tal-istandards fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex iħaffu l-użu tagħhom mis-suq u jikkontribwixxu għal pożizzjoni fuq quddiem għall-UE fl-istandardizzazzjoni;
28. **IFAKKAR** li d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u speċjalment il-privattivi, huma l-"munita" tal-ekonomija tal-għarfien tagħna; **JENFASIZZA** li l-protezzjoni u l-valorizzazzjoni tal-għarfien u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u s-sigrieti tal-mestier huma fattur essenzjali għall-industriji, u b'mod partikolari għall-SMEs, sabiex jattiraw l-investiment, jiġġeneraw il-valur u jżidu l-kompetittività tagħhom; għaldaqstant, **JAPPELLA** lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-komunità finanzjarja tal-UE biex ikomplu jaħdmu fuq il-valorizzazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali bħala lieva għall-SMEs u n-negozji ġodda biex jespandu fis-Suq Uniku u lil hinn minnu;

V. Azzjoni konġunta futura

29. **JAPPELLA** għal qafas Ewropew tal-politika industrijali li jkun proattiv, validu għall-futur u komprensiv, u li jkun allinjat mal-prijoritajiet politiċi globali u fit-tul tal-Unjoni, inkluż it-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika, li joffri lill-industrija tagħna aktar prevedibbiltà u li jkun mgħammar b'għodod xierqa biex jattira, jespandi u jżomm lin-negozji 'l ġewwa mill-fruntieri tal-Unjoni, u li jrawwem impjiegi ta' kwalità għolja mal-Ewropa kollha, billi jżied l-isforz biex jintlaħqu l-miri ewlenija għall-2030, permezz ta' djalogu soċjali msaħħaħ;
- JISTINKA** għal qafas Ewropew ambizzjuż tal-politika industrijali bħala l-mutur primarju għall-kisba tas-saħħa ekonomika li tinfed il-"pilastru tal-promozzjoni" tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika; **JISĦAQ FUQ** il-ħtieġa li l-mira tkun lejn approċċ aktar orizzontali għall-politika industrijali tal-UE u razzjonalizzazzjoni tal-inizjattivi speċifiċi għas-settur;
- JIRRIMARKA** li dan jeħtieġ approċċ olistiku u sforzi kondiviżi, kooperazzjoni u sjieda mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, inkluż fil-livell reġjonali u r-rwol attiv tal-istess ekosistema industrijali; **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tagħmel il-politika industrijali u l-ispinta lill-kompetittività Ewropea parti integrali tal-aġenda tagħha għall-mandat leġislativ li jmiss, biex b'hekk taħdem lejn patt Ewropew ġdid tal-kompetittività kif mitlub mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024, u tibbaża fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-mutur għat-tkabbir, l-innovazzjoni u l-investment;
30. **JIEĦU NOTA** tar-Rapport ta' Livell Għoli ta' Enrico Letta "Much More than a Market" (Ħafna Aktar minn Suq) u **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni u lil-Istati Membri biex jeżaminaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti għall-politika industrijali; **JISTENNA B'INTERESS** ir-rapport mistenni ta' Mario Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea u b'mod partikolari l-aspetti tiegħu marbuta mal-politika industrijali;

31. **JISSOTTOLINJA** li l-qafas futur tal-politika industrijali Ewropea għandu jkun imsejjes fuq għodod ibbażati fuq l-evidenza, il-metrika, il-prinċipji bbażati fuq is-suq, it-tbassir u s-sejbiet ekonomiċi fundamentali, li jintegraw ir-riżultati ekonomiċi l-aktar reċenti fl-analiżi tal-politika industrijali kif ukoll fatturi ambjentali, ta' sostenibbiltà, ta' reżiljenza u dawk soċjali fil-mudelli ta' referenza tiegħu, u li jidentifikaw swieq futuri potenzjali strateġiċi għat-tkabbir; **JIRREFERI** għall-importanza tar-rapporti annwali tal-Kummissjoni u t-tabella ta' valutazzjoni dwar is-Suq Uniku u l-kompetittività, l-analiżi tad-dipendenzi strateġiċi, l-istudji ta' prospettiva, l-analiżijiet kwantitattivi u l-valutazzjonijiet tar-riskju f'dan ir-rigward; **JISĦAQ FUQ** l-importanza tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-impatt tal-leġiżlazzjoni adottata, kif ukoll it-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt ex ante bir-reqqa, f'waqthom u ta' kwalità għolja għal inizjattivi leġiżlattivi futuri, sabiex il-leġiżlazzjoni tikkonforma mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar; **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi biex meta jagħtu bidu għal leġiżlazzjoni ġdida japplikaw sistematikament il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", billi l-SMEs jirrappreżentaw 99 % tan-negozji fl-Ewropa u jipprovdu aktar minn 50 % tal-PDG tal-Unjoni, u jqisu l-ispeċifità jiet tar-reġjuni Ewropej li jesperjenzaw sfidi ġeografiċi, naturali jew demografiċi;
32. **JISSOTTOLINJA** li l-Istrateġija Industrijali tal-UE għall-2020, l-aġġornament tagħha tal-2021, il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u l-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali għadhom il-pedament politiku biex l-industrija Ewropej juru t-triq fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-Unjoni ttejjeb ir-reżiljenza tagħha f'oqsma ewlenin; **JISĦAQ FUQ** il-ħtieġa li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tajba u f'waqtha ta' inizjattivi leġiżlattivi reċenti, b'mod partikolari l-Att dwar iċ-Ċipep, l-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti; **JIKKONFERMA** r-rilevanza tal-14-il ekosistema industrijali identifikati fl-Istrateġija Industrijali tal-UE u l-perkorsi ta' tranżizzjoni tagħhom li għalihom ittieħdu passi importanti, bil-Perkors ta' Tranżizzjoni għat-Turiżmu bħala l-ewwel minn sensiela, u li hemm bżonn tkompli l-ħidma fuq; **JIEĦU NOTA** tad-Djalogi dwar it-Tranżizzjoni Nadifa li saru dan l-aħħar mas-sħab fl-industrija u dawk soċjali, u l-eżerċizzju ta' rendikont li għamlet il-Kummissjoni b'riżultat tagħhom; **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tkompli tivvaluta, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, il-ħtiġijiet u l-isfidi li għandhom quddiemhom l-ekosistemi industrijali, timmonitorja l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività tagħhom u tanalizza l-integrazzjoni tagħhom fis-Suq Uniku.